

### *L-UNITÀ TAD-DATA OPERAZZJONALI*

L-“Unità tad-Data Operazzjonali” (OPD) hija l-Unità li tlaqqa’ flimkien il-ħidma tal-Aġenzija dwar id-Data, u tappoġġa l-funzjonament b’suċċess taż-Żona Ferrovarja Unika Ewropea. B’mod partikolari, it-tim imexxi l-ħidma għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tat-TSIs tat-TAF/TAP, ir-Reġistri tal-Aġenzija u l-ħidma sabiex l-għodod jiġu ttrasferiti għal approċċ iċċentrat fuq id-data, l-iżvilupp u l-pubblikazzjoni ta’ vokabularju kkontrollat sabiex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni FAIR (Traċċabbli, Aċċessibbli, Interoperabbli u Riutilizzabbli) tad-data ferrovjarja. Sabiex tappoġġa dan, l-Unità tippresjedi wkoll il-Kumitat ta’ Tmexxija dwar id-Data u l-Governanza tal-IT, filwaqt li tiżgura approċċ koerenti għall-ġestjoni tad-data u tipprovdi pariri esperti lit-Tim ta’ Ġestjoni.

Bħalissa t-tim żviluppa l-bażi tad-data dwar l-infrastruttura ferrovjarja bħala graff ta’ għarfien, żviluppa u ppubblika vokabularju kkontrollat sabiex jappoġġa dan u qiegħed jaħdem fuq l-evoluzzjoni gradwali tas-sistemi l-oħrajn.

L-Unità tal-OPD tinkludi l-gruppi li ġejjin:

- › Reġistri;
- › Interoperabbiltà tad-Data u Governanza tal-Informazzjoni;
- › Trasformazzjoni diġitali.